Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,380, 1 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 117 tal-2020

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti tal-2020 dwar il-Liċenzi Temporanji tal-Bejjiegħa fit-Toroq u d-Distanza għall-Bejjiegħa fit-Toroq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 dwar il-Liċenzi Temporanji tal-Bejjiegħa fit-Toroq u d-Distanza għall-Bejjiegħa fit-Toroq.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ; Kap. 441.

"bejjiegħ fit-triq" tfisser l-istess bħat-tifsira assenjata lilha fir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ; L.S. 441.07.

"permess" tfisser permess biex topera posta ġewwa Suq tal-Bdiewa maħruġ taħt ir-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa; L.S. 117.31.

"prodott agrikolu" tfisser frott u ħaxix prodotti minn għelieqi reġistrati mad-direttur responsabbli għall-agrikoltura;

"Taqsima" tfisser it-Taqsima dwar l-Amministrazzjoni tas-Swieq jew kull taqsima jew entità oħra vestita bis-saħħa li toħroġ permessi taħt ir-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa. L.S. 117.31.

Liċenzi Temporanji għall-Persuni li għandhom permess għal Suq tal-Bdiewa.

3. (1) Persuna li tkun fil-pussess ta' permess validu maħruġ mit-Taqsima għandha awtomatikament titqies li tkun fil-pussess ta' liċenza temporanja bħala bejjiegħ fit-triq biex tbigħ prodotti agrikoli lokali mingħajr il-bżonn li tapplika u tirċievi liċenza ta' bejjiegħ fit-triq kif meħtieġ għal attivitajiet ta' bejgħ fit-toroq skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, bla ħsara għad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali li jkun sodisfatt li l-persuna kkonċernata tista' topera dik l-attività fuq il-bażi ta' permessi diġà maħruġa fir-rigward ta' dik il-persuna: L.S. 441.07.

Iżda li, din il-liċenzja temporanja għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet u l-pieni kollha relatati mal-bejgħ fit-toroq kif jista' jkun applikabbli ħlief għall-obbligu li wieħed japplika għal

Verżjoni Elettronika

liċenzja ta' bejgħ fit-toroq.

(2) Jekk persuna li għandha permess validu skont is-subregolament (1) m'għandha l-ebda permess mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, hija għandha tiżgura li tirreġistra dik l-attività mal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel.

(3) Detentur tal-permess li jkun meqjus li għandu l-pussess ta' liċenza temporanja bħala bejjiegħ fit-triq biex ibigħ prodotti agrikoli lokali jista' jkollu sostitut u sa żewġ (2) assistenti:

Iżda li, dan is-sostitut u l-assistenti għandhom ikunu notifikati minn qabel lit-Taqsima mid-detentur tal-permess.

(4) Kull persuna li tkun detentur ta' permess jew li topera bħala bejjiegħ fit-triq ta' prodotti agrikoli lokali permezz ta' dawn ir-regolamenti, kif ukoll is-sostitut u l-assistenti tiegħu għandhom jilbsu f'kull ħin, il-badge ta' identifikazzjoni provduta mit-Taqsima.

(5) Id-dokument tal-permess maħruġ mit-Taqsima fir-rigward ta' posta fis-Suq tal-Bdiewa għandu jinżamm viżibbli b'mod ċar f'kull ħin meta d-detentur tal-permess jew is-sostitut tiegħu jkunu qiegħdin joperaw bħala bejjiegħ fit-triq għal prodotti agrikoli lokali.

(6) Jew id-detentur tal-permess jew is-sostitut għandhom ikunu preżenti f'kull ħin waqt li jsir il-bejgħ fit-toroq.

Validità ta' Liċenzji Temporanji.

4. Dawn il-liċenzji temporanji huma validi sa dak iż-żmien li s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika tiddetermina:

(a) li s-swieq jew swieq tal-bdiewa m'għandhomx jibqgħu magħluqa; jew

(b) li attività ta bejgħ fit-toroq inkluż bejgħ fit-toroq għall-bejgħ ta' ħaxix għandha tieqaf; jew

(ċ) li l-persuni nfushom jaqgħu f'kategorija ta' persuni li mhumiex permessi li jkunu barra.

Distanza.

L.S. 441.07.

5. Meta kwalunkwe bejjiegħ fit-triq liċenzjat skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ jew persuna meqjusa li hija fil-pussess ta' liċenzja temporanja bħala bejjiegħ fit-triq biex tbiegħ prodotti agrikoli lokali, tieqaf bil-vettura tagħha biex tbiegħ lill-klijenti tagħha, il-vettura m'għandhiex tkun pparkjata sa:

(a) mitt (100) metru distanza ta' mixi mid-daħla ta' kwalunkwe post kummerċjali li mhux magħluq:

Verżjoni Elettronika

Iżda li, għal dan il-għan, kjosk fiss għandu jitqies li huwa post kummerċjali; jew

(b) inqas minn mitt (100) metru distanza ta' mixi 'l bogħod minn bejjiegħ tat-triq ieħor:

Iżda li, f'ċirkonferenza ta' tliet mitt (300) metru minn kull bejjiegħ tat-triq m'għandux ikun hemm aktar minn żewġ (2) bejjiegħa tat-triq oħra fl-istess ħin irrispettivament jekk dawn humiex liċenzjati skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ jew persuni meqjusa li għandhom fil-pussess tagħhom liċenza temporanja bħala bejjiegħa tat-triq biex ibiegħu prodotti agrikoli lokali: L.S. 441.07.

Iżda wkoll bejjiegħ tat-triq jew persuna meqjusa li hija fil-pussess ta' liċenza temporanja bħala bejjiegħ tat-triq biex tbigħ prodotti agrikoli lokali għandha sservi biss l-klijenti wieħed wieħed u l-klijenti l-oħra għandhom jibqgħu f'linja b'distanza ta' minn tal-inqas żewġ (2) metri 'il bogħod minn xulxin.